**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta' Lulju 2025**

Rikors Numru: 188/25 AL

AB

vs

Cd

(M.R. Numru 1415/2003)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu tesponi:

**1.** ILLI r-rikorrenti izzewwget lill-intimat nhar il-25 ta' Lulju tas-sena 1998 fl-Ingilterra liema zwieg gie registrat f'Malta skond certifikat hawn anness u immarkat **Dok A;**

2. ILLI l-partijiet isseparaw in forza ta' sentenza tal-Qorti tal-Familja tas-27 ta' Ottubru 2021 (ref number 96/08) liema sentenza giet appellata u deciza finalment fil-11 ta Jannar 2024 u liema illum hija finali, skond ma jirrizulta wkoll mill-istess certifikat taz-zwieg:

3. ILLI ghalhekk il-partijiet ilhom separati de facto ghal iktar minn sena u de iure ghal iktar minn sena wkoll u ghalhekk l-esponenti ipprosegwiet f' din l-istanza;

4. ILLI skond id-decizjonijiet tal-Qorti il-partijiet mhumiex obbligati li ihallsu manteniment lil xulxin;

5. ILLI l-partijiet ghandhom zewgt titfal maggorenni u l-eta taghhom hija il-fuq minn tlieta ghoxrin mhumiex studenti u t-tnejn li huma jahdmu;

6 ILLI llum ma hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

7. ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-Ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. ILLI r-rikorrenti tixtieq li tirreverti ghal kunjomha ta' xebba u cioe 'G'

**Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tawtorizza lil esponenti tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe G

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi, huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut li permezz taghha jesponi:

Illi huwa jikkonferma dak espost fir-rikors promotur tar-rikorrenti u dak ikkonfermat fid-dikjarazzjoni ġuramentata tagħha u dan mhux qed jigi kontestat;

Illi huwa minnu wkoll li l-kundizzjonijiet tal-artikolu 668 tal-Kodići Civili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti.

Illi l-esponent huwa wkoll tal-istess fehma tar-rikorrenti u huwa jixtieq il-hall taż-żwieg bejn il-partijiet fid-dawl li l-partijiet ilhom seperati de facto u de iure ghal iktar minn sena u m'hemm l-ebda obbligu ta' hlas ta' manteniment bejn il-partijiet la lil xulxin u langas ghal uliedhom li huma t-tnejn maǧǧoreni. Huwa jikkonferma li llum ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikončiljazzjoni u llum il-ġurnata il-partijiet jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jissottometti li t-talbiet kif magħmula fir-rikors promotur jimmeritaw akkoljiment minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta’ April, 2025;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat  illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de facto* separati għal aktar minn sena u legalment separati mill-11 ta' Jannar 2024;

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti tixtieq li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` **'Gowen'**, il-Qorti tilqa` din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "Gowen",  qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.